# Il-Parroċċa San Publju

## Tagħrif miġbur minn diversi pubblikazzjonijiet antiki

minn Lorenzo Zahra

Is-subborġ tal-Belt Valletta hija l-Furjana. Hekk dari kull belt, l-abitanti li kienu jgħixu fil-qrib kienet tkun -borgata- (jew Birgu). Il-Furjana għalhekk hija s-subborg tal-kapitali u billi kien l-arkitett Pietru Floriani l-ewwel li ħażżeż id-dawra tas-swar tagħha, bdiet tissejjaħ Florjiana għall-istess arkitett għad illi l-Gran Mastru Vilhena, riedha ddedikata lilu bħala fundatur tagħha. Fil-bidu l-ewwel knisja li kienet taqdi s-servizzi reliġjużi kienet Sarria, knisja tal-Ordni, imma Mons. Isqof Alpheran ried li jkun hemm knisja għas-servizz tal-poplu u għalhekk fi żmien il-kappillan ta' San Pawl tal-Belt, Dun Cucciardi kienet bdiet tiġi mibnija knisja li l-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fit-2 ta' Awwissu 1733 meta tqiegħdu taħtha medalji tal-Madonna, Sant'Antnin u San Publiju. Kien l-isqof Mons. Alpheran li ried li din il-knisja tkun iddedikata lill-Ewwel Isqof ta' Malta San Publio.

Hekk kien il-bidu tas-servizz mogħti lill-parruċċani Furjaniżi mill-kappillan ta' San Pawl tal-Belt. Fis-sena 1771 beda jsir tkabbir u tiżjin tal-faċċata tal-knisja u dan sar bi spejjeż tal-qassisin Pawlini Muscat u Rossi. Meta x-xogħol tlesta, il-knisja kienet ġiet ikkonsagrata fit-28 ta' Mejju 1792.

F'nofs is-seklu 19, kien kiber in-numru tal-abitanti tal-Furjana u l-knisja bdiet tiġi mkabbra taħt ix-xogħol tal-Perit Paolo Attard, xogħol sabiħ li beda f'Awwissu 1856 u dam sejjer ħames snin. Ma għandniex xi ngħidu l-knisja saret sabiħa wisq imma kien jonqos faċċata addattata li bdiet issir fl-1885 fuq id-disinn ta' Nikola Zammit, faċċata tassew sabiħa u denja għall-pjazza bħal dik li hemm quddiemha. Hija ta' stil *composito* u Konrintu. Saret parroċċa maqtugħa mill-Belt Valletta fis-sena 1844 u mhux bla taħbit. Fis-sena 1869 il-kappillan tagħha ngħata titolu ta' Arċipriet. Fil-gwerra l-knisja ġarrbet ħsarat kbar, imma bl-għajnuna t'Alla ġiet irrestawrata u mill-ġdid imżejna b'tant opri sbieħ li tkun imżejna bihom proprju f'jiem il-festa ta' San Publio, l-ewwel Isqof tagħna l-Maltin.

Fil-ġurnali tal-imgħoddi wieħed jiltaqa' ma' bosta kitbiet dwar il-festi li kienu jkunu għadhom kemm għaddew. Il-festi tal-Belt, San Pawl, tal-Karmnu u San Duminku spiss kont issib rapporti dwarhom. Hekk ukoll dwar festi oħra bħal San Lawrenz, il-Vitorja, Santa Liena u oħrajn. Il-Karkariżi fl-1851 kienu fost l-ewwel nies li fil-logħob tan-nar kienu daħħlu t-taħlita tal-kulur. Kienu wkoll imsemmija għall-qubbajt tajjeb u anke għall-karamelli tal-ħarrub kif ukoll kienu jbiegħu l-ilma frisk bis-silġ fil-festi tas-sajf.

Il-festa ta' San Publiju fil-Furjana kienet dik li tiftaħ il-bieb tal-festi wara l-Għid. Kienet issir bi tridu solenni u l-Isqof kien jassisti mit-tron, użanza li tkompliet għal bosta żmien. Ma għandniex xi ngħid il-mużika fil-Furjana baqgħet dejjem magħna ma' Bugeja. Dak iż-żmien kien Filippu Bugeja. Il-paneġierku kien sar minn Patri Ġiżwita, Padre Ferrara, għax dak iż-żmien kien ikun paneġierku bit-Taljan.

Il-knisja kienet għadha kemm tkabbret b'ħafna żidiet u xogħlijiet sbieħ. Kienet imżejna eleganti b'apparat tassew rikk, ħafna fjuri ma' kullimkien u miżgħuda bid-dawl, sal-faċċata kienet imżejna bid-dawl tal-lampi. Il-Pjazza Sant'Anna kif ukoll il-Loġoġ ta' Triq Sant'Anna kienu wkoll mixgħula. Hawn wieħed irid jiftakar li Triq il-Loġoġ kienet idjaq, billi dik li naraw issa nbniet wara t-tiġrif tal-Gwerra. Kull fejn tara kont tilmaħ l-armi ta' San Publiju u dawk tal-Papa Piju 9. Il-proċessjoni bl-istatwa sabiħa wkoll tissemma, kif ukoll l-ovazzjoni ta' kif tidħol il-vara lura fil-knisja wara l-purċissjoni. F'dik is-sena skont il-Ġurnal Amico del Popolo tal-10 ta' Mejju 1862 kienet għadha kemm iżżanżnet il-qanpiena l-ġdida li nġabet minn Londra. Ta' min ma jħallix barra wkoll l-għadd ta' poeżiji dwar San Publiju l-ewwel isqof ta' Malta li kienu jxandru.